# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2001**

**Numru**
**Avviz numru: 404/01mm**

**Atlas Insurance Agency Limited, agenti Malta tas-socjeta' estera AXA Insurance p.l.c., surroga fid-drittijiet ta' Lynn Victoria Patterson**

**vs**

**Anthony Schembri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tlettax-lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu

(Lm513.25) danni mgarrba mis-socjeta' attrici wara ncident awtomobilistiku li gara fl-20 ta' Awissu, 1999, fi Pope John Paul II Street, Victoria, bejn il-vettura LYN 414 misjuqa minn Lynn Victoria Patterson, assikurata tas-socjeta' attrici, u il-vettura JAP 695 misjuqa mill-konvenut. Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz, inkluzi Lm33 ta' spejjez legali maghmula mill-attur u spejjez tal-ittra ufficjali pprezentata fl-4 ta' Mejju, 2001, kontra l-assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-30 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.